MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Il-La Valette Multi Manager Property Fund

Dak li xxandar fil-ġranet li għaddew wara konferenza stampa tal-kumpannija Finco Treasury Management Limited, juri nuqqas ta' għarfien tal-funzjonijiet u l-poteri tal-Awtoritá għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), kif joħorġu mil-liġijiet ta' Malta. Xieraq li dan ikun iċċarat.

Ir-rwol tal-MFSA fil-kuntest tal-La Valette Multi Manager Property Fund ('il-Fond'), huwa li tinvestiga l-allegat ksur tal-liġijiet u r-regolamenti mill-Valletta Fund Management Limited ('VFM') u l-Bank of Valletta ('BOV') fil-konfront tal-Fond. L-MFSA qed tinvestiga wkoll numru ta' lmenti li tressqu minn jew għan-nom ta' ndividwi dwar il-bejgħ ta' units fil-Fond mill-BOV.

Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha fl-aħjar interess tal-investituri u s-settur finanzjarju Malti, l-MFSA għandha l-obbligu li tinvestiga b'għaqal u prudenza, bil-għan li tasal għal deċiżjoni li tkun ġusta, ekwa u li tirrifletti l-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom l-Awtoritá, wara li tkun ikkunsidrat l-argumenti u l-kummenti li jkunu tressqu mill-partijiet involuti.

Mhux għaqli li ssir pressjoni mhux f'lokha permezz tal-midja biex l-investigazzjoni ssir bil-għaġġla jew biex jiġi antiċipat il-proċess investigattiv, li dejjem jeħtieġ analiżi dettaljata u kompleta. Spekulazzjoni bħal din tista' anke tħawwad lill-investituri. L-MFSA tifhem li fuq kwistjoni bħal din il-pubbliku jeżiġi pożizzjoni ċara, iżda l-Awtoritá ma tistax ixxandar stqarrija fuq x'sabet u x'inhuma l-konklużjonijiet qabel ma tlesti l-investigazzjonijiet tagħha. Stqarrijiet mgħaġġla jew mhux kompleti dwar istituzzjonijiet regolati, partikolarment meta jkollhom strumenti finanzjarji kwotati fuq il-Borża, jistgħu jagħmlu ħsara lis-settur finanzjarju ta' Malta għad-detriment tal-investituri.

Skont il-liġi, l-MFSA ma tistax toħroġ stqarrijiet dwar l-investigazzjonijiet li qed tmexxi qabel ma tkun lestiet proċess regolatorju ġust u eżawrjenti u tkun waslet għall-konklużjonijiet ċari u speċifiċi. Fil-każ preżenti l-Awtoritá talbet li jaslulha sas-6 ta' Ġunju l-aħħar sottomissjonijiet mill-VFM u l-BOV, qabel ma tgħaddi għad-deċiżjoni finali.

L-Awtoritá tittama li rapporti fil-midja dwar dan il-każ jixxandru b'mod aktar bilanċjat u dinjituż.

**Communications Unit**
**Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta'Malta**
**31 ta' Mejju 2011**
**Ref: MFSA MR 05/2011**